*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 28**

**Il-Ħamis 23 ta' Settembru 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar - Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

28.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

28.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 23 li saret Nhar it-Tnejn 23 ta' Awwissu 2021:***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

28.2.2 **Matters arising:**

**Laqgħa Nru 23 tat- 23 ta'Awwissu 2021**

28.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 27.2.8 jekk kienx hemm żvilupp fuq il-korrispondenza li ntbagħat fuq il-marina jekk kelniex risposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-korrispondenza bagħtnija pero` għand ma għandiex risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li hu kien ltaqa ma' żewġ Ministri ma membru parlamentari u mal-Prim Ministru. Huwa qal li bażikament ma nbidel xejn minn dak li l-Prim Ministru qal fil-mezzi tax-xandir illi l-magħluq ser jiġi prottett, l-aċċess għall-pubbliku jrid jibqa permissibli hemm kif tgħid il-liġi, *swimming zones* ma jinbidlux u n-nar u s-simenta ma jintmissux. Hu qal li jistax jifhem kif in-nar tal-festa jista jinħaraq minn fuq marina, pero` il-Prim Ministru qallu li dik sta għal minn jintgħażel biex jgħamel il-marina.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħal għal-laqgħa fis-6.15pm***

Is-Sindku qal li hu ukoll iltaqa u tkellem ħafna drabi mal-Prim Ministru u kkonferma li qallu l-istess kliem li qal lil Kunsillier is-Sur Ryan Portelli illi dak li hu tal-popolin mhux ser jintmess.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li l-proċess ħadd ma jista jwaqfu umbgħad wieħed jista jkun favur jew kontra appena jkun hemm id-disinn.

Is-Sindku qal li huwa għalhekk kien issuġġerixxa li jinħoloq kumitat bejn il-Kunsilliera ħalli nkunu preżenti waqt id-diskussjonijiet u ma jsir xejn minn wara dahar il-Kunsill. Huwa qal illi il-biża tan-nies li ser jitneħħew l-*iswimming zones* u l-aċċess għall-baħar issa ħarġet ċara li mhux ser jitmissu. Huwa kompla jgħid illi l-logħob tan-nar fuq il-baħar jibqa jsir, ma jsir ebda riklamazzjoni ta' art, tibqa s-simenta u jsir wave breaker.

28.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 paragrafu 27.3.2 u talab spjegazzjoni x'ġara fuq l-istima tal-*playingfields* ta' San Tumas.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija skema li l-Kunsill kien applika għalija pero` meta issottomenjna l-applikazzjoni konna ġejna mitluba li l-Perit tgħamel *bill of quantites* dettaljati u ġew preżentati jumejn wara li għalqet l-applikazzjoni. Huwa qal li l-*bill of quantites* ġew preżentati ftit tard għaliex kellha tgħamilhom fid-dettal għaliex kellha tara dawk l-affarijiet li setgħu jiġu rrenġanti u dawk li riedu jinbidel. Huwa qal li l-Perit kienet f'kuntatt telefoniku miegħu ta frekwenti. Huwa kompla jgħid illi f'din is-seduta ser niddiskutu fuq skema oħra li nistgħu napplikaw għalija għal dan il-proġett.

28.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 paragrafu 27.3.2 fuq Ġnien David Vella fejn qal illi t-tapit u l-appart twaħħal, huwa qal li fadal *spring equipment* wieħed biss u xi fanali li hemm minnhom qed jixgħelu u jminnhom le u anke hemm xi fanal perikoluż.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-kuntrattur qedgħin bi kwarantina.

Is-Sindku qal li l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri illi għandu jinforma lill-kuntrattur li qed jieħu ħsib ix-xogħolijiet

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifusd qal ukoll li kellhom jkelmu il-ġardinar fuq is-sistema tal-*irrigiation* pero` għadhom ma kelmhux.

28.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq il-Ġnien Sant'Anna li dan suppost jinkines mill-ħaddiema tagħna pero` mhux qed jinkines.

Is-Sindku qal li minħabba l-proġett li għaddej qallu biex ma jużax il-*blower* u ser jużaw l-ixkupi kbar.

28.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 is-seba paragrafu fuq id-*defribillator* jekk sarx is-*service* li kellhu jsir kull tlett xhur.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li s-*service* għandu jsir kull sena u li kellhu jsir *agreement* ma xi kumpanija sabiex jsir is-*service*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li importatni li jsir is-*service* ħalli jekk niġu bżonn tkun tista tintuża tajjeb.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Kunsillier is-Sur John B. Camilleri sabiex jgħidulna minn fejn inxtara ħalli ngħamlu ftejim miegħu u anke għandna bżonn nkunu nafu kemm jiswa u dan skond kif mitlub mil-awdituri.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-aħjar ngħamlu laqgħa magħhom.

28.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 fuq l-Għassa tal-Puluzija għax ilhom ma jaħdmu fijha xhur.

Is-Sindku qal li s-supertendent infurmah li kienu inqalgħu xi ftit intoppi u ser jsolvuwhom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li irridu niċċekjaw fuq il-lift ukoll.

Is-Sindku qal illi post għal-lift għamlu issa filkas jitkellem mal-Perit.

- ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon daħlet għal-laqgħa fis-6.30pm***

28.2.8 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 8 t-tieni paragrafu rigward il-marina fuq ir-rapport tal-Maritime li tkelmet fuqu il-Viċi Sindku. Huwa qal li ir-rapport jgħid li Marsaskala ma kienetx tikwalifika għal *yacht marina*, tant li ġiet ikklassifikata kważi l-aħħar post. Huwa reġa talab lil Kunsillier is-Sur Ryan Portelli jirrepeti dak li kien qal iktar kmieni fis-seduta għaliex ma kienx laħaq daħal fil-laqgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli reġa irrepeta dak li spjega iktar kmieni f'din is-seduta. Huwa qal diġa kien qal l-opinjonijiet tiegħu u r-raġuni għaliex huwa kontra l-marina u ser jippreżenta rapport lil Kunsill.

Is-Sindku staqsa jekk il-*wave breaker* u t-tasport bil-baħar issemmiex.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li dawn iż-żewġ punti ma issemmewx.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa nnota illi minn dak imsemmi fid-dokument li ħareġ għal dak li qed jitkelmu fuqhu fil-preżent kien hemm xi tibdil pero` l-*land reclemation* ma jafx jekk hux qed jerġu jiġu kkunsidrati għaliex hemm *area* konsiderevoli. Huwa staqsa illi jekk issemmitex li TMalta ser tirtira il-PPQ pre qualification questioner).

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li għalissa ma isemma xejn.

28.2.9 Ill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 11 rigward il-fishfarms u mill-aħħar laqgħa li kien hawn reġa kien hemm problemi fil-*fishfarms* jekk batniex ninfurmahom u jekk kelniex risposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-korrispondenza batnija u jidirlhu li kellna rispsota. Huwa kompla jgħid li issa niċċekjaw u nibgħatulhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk ma għandiex risposta għandha nibghatulhom *reminder*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-ERA trid tikkontrollha li tara li dawn il-*fish farms* qed jiffunzjonaw kif suppost.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li importatni li nibgħatu reminder għaliex jekk jaraw il-materjal li qed jidħol fil-bajja huwa faċli li jkun jafu liema sid tal *fishfarm* mhux qed jimxi mar-regolamenti.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi huwa importatni li meta nibgħatu lment irridu nibqu niffolowjaw sakemm il-każ jiġi mgħaluq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-komunikat li aħna bagħtna lil ERA.

Kien hemm qbil nibgħatu *reminder*.

28.2.10 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 12 il-ħames paragrafu mill-aħħar rigward il-petizzjoni tar-rotta 91 għax ilha erbgħa xhur.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kelniex risposta.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier is-Ryan Portelli qalu li hemm bżonn li jsiru r-*reminders*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hemm bżonn li issir laqgħa magħhom.

Is-Sindku qal li kull darba li tlabna għal laqgħat dejjem laqgħu t talba taghna.

Il-Kunsill qabel li nitolbu għal laqgħa ma Trasnsport Pubbliku speċjalment mas-Sur Ivan Pierre Vella.

28.2.11 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 13 rigward il-kenniesa fejn qal li t-toroq diżastru speċjalmet Triq il-Blajjiet.

Is-Sindku qal li hemm laqgħa mal-kuntrattur. Huwa qal li t-tender b'erba kenniesa mhux ser jaslu. Huwa qal li din ma tiġriex biss ġol-lokalita` tagħna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandna korrispondenza fejn sar stħarriġ minn nies professjonali imqabda mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn daru l-lokalitajiet kollha.

Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon qalet li dan ir-rapport kienet diġa semmietu fejn qalet li sentejn ilhu l-lokal tagħna kellha l-ħtieġa ta 11 il-kennies

Is-Segretarju Eżekutti qal li f'dan ir-rapport li qed jsemmu hu ma rahx li hemm miktub illi l-lokal tagħna hemm bżonn ta' 11 il-kennies imma kien hemm rapport fuq it-tindif tal-lokal. Huwa kompla jgħid illi l-allokazzjoni tagħna mhux qeda maħduma sabiex jinħareġ *tender* bi 11 il-kennies.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li ma għandiex x'taqsam l-allokazzjoni għaliex il-lokal tagħna għandu ħafna ħaddiema tal-*community workers scheme* assenjati magħna.

Is-Sindku qal li dan jekk ma jkunx xogħolhom li jgħamluh mhux ser jgħamluh. Huwa kompla jgħid li kull ilment li jidħol jiġi mgħoddi lilhom dak in-nhar stess u jsir mill-ewwel jew l-għada.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi il-lokal għandu bżonn 11 il-kennies u li irrelevanti jekk jiġux mill-iskema tal-*commuity workers scheme* jew mill-kuntrattur.

Is-Sindku qal li mhux faċli li b'4 ħaddiema tiknes il-lokal tagħna b'140 triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi t-*tender* ta qabel dan kien ħareġ fuq 3 ħaddiema bi 8 siegħat kulljum u dan it-*tender* ħareġ fuq 4 ħaddiema f'7 siegħat.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li dan il-lokal għandu bżonn ta 10 kenniesa mill-inqas.

28.2.12 Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa fuq paġna 13 pargrafu 27.9.1 fuq ir-restawr tal-lanċa fejn ser intuha lil Knisja jekk konniex bgħatna il-korrispondenza lil kurja u lil kappillan.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera is-Sur Ryan Portelli jekk il-lanċa hux ser ntuha lil knisja għaliex hu kien diġa ikkominka miegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li l-lanċa ser tkun ġo propjeta` tal-Knisja.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sabiex nevitaw li ma jkollniex approvazzjoni miż-żewġ entitajiet li huma il-Kurja u l-Knisja, nistennew li jitlesta l-bini tal-Kunsill u l-proġett ta tisbieħ ta' Ġnien Sant'Anna u l-luzzu jitpoġġa fil-ġnien.

Is-Sindku qal li fl-*area* designata konna diġa ġibna l-apporvazzjoni sabiex jitħawlu xi xtili.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li ma jsibx oġġezzjoni l-importatni li dan il-luzza jrid jkun lest sas-sena id-dieħla ħalli jiġi nawgurat fl-anniversarju tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-injam ta'dan il-luzzu infetaħ.

Il-Kunsillier i-sSur John B Camilleri qal li dan il-luzzu ma għandux karru u meta kien ġab lil xi persuni biex iċaqalquh għaliex kien hemm ħsieb illi tiġi irrenġata l-*area* fejn hemm il-luzzu fil-preżent kienu qalulu li hemm probabilta li kif iċaqalquħ il-luzzu jiżżarma u anke jekk jużaw l-*ispreaders* bdew jibżu li jċedi. Huwa kopla jgħid illi jekk dan il-luzzu ser jiċċaqlaq importatni li jsir pjan tajjeb fejn ser jiġi mċaqlaq għaliex ma nistgħux nibqu inċaqalquh.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li l-importatni li nibdew naħdmu fuq dan il-proġett irrelevanti jekk jiċċaqlaqx jew le, imma hemm bżonn li jsir restawr u tingħatalu l-importanza li tixraqlhu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ftit taż-żmien ilhu kienu għaddew mozzjoni sabiex jsir id-dawl u irrenġata l-area pero` fil-preżent hemm daqsxejn ta diżgwied tekniċi mal-kuntrattur speċjalment fuq il-monument.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud daħlet għal laqgħa fis-7.00pm***

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa x'għandu x'jaqsam ix-xogħol tal-monument fuq ix-xogħol tal-lanċa.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-problemi mal-kuntrattur huma fuq il-*unit rates* li jinħareġ tender li jkun validu għal 4 snin u dan huwa l-istess kuntrattur li jrid jaħdem xi xogħolijiet fuq il-bażi tal-luzzu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jekk dan il-luzzu ser jibqa fejn hu jrid jsirlhu sodda tal-konkrit, pero` biex issir din is-sodda tal-kontrit il-luzzu jrid jitneħħa min fejn hu u anke jekk jitpoġġa faċċata.  Huwa kompla jgħid li minn ser jirestawra l-luzzu jista jew jgħamel dan fuq il-post jew inkella jieħdu x imkien hu pero` hu mhux tal-parir li jiċċaqlaq il-bogħod.  Huwa kompla jgħid li jrid isir pjan tajjeb fejn anke ma jkunx hemm ħaxix ħażin li l-luzzu jista jieħu in-nar u wara jsirlhu d-dawl u dak li hemm bżonn.  Huwa qal li irridu naraw il-*coastings* tiegħu għaliex huwa jaħseb li mhux ser jiġi irħis.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li hemm bżonn li jsir restawr tajjeb li għandu jservi għal snin.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet li l-aħjar inġibu l-*coastings* tiegħu l-ewwel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hu kien ġabilhom proġett simili li kien sar fl-Imġarr Għawdex.

Is-Sindku qall i l-aħjar jsir *design* fuqu u huwa tal-fehma li l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli huwa kapaċi li jgħamel dan id-*design*.  Huwa qal li ftit taż-żmien ilhu kien kelmu persuna li jgħamel restawr fuq dgħajjes antiki.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal jridu jaraw x'jiridu u nitkelmu mal-Perit tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li huwa tal-fehma li l-ewwel irridu insibu restawratur.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li forsi jkun jista jsir bil-fibre.

Il-Kunsillier is-Sur john b Camilelri qal li irridu naraw biex ser jirestawrah għaliex jekk isir bil-*fibre* jaf jirrovinah il-luzzu.

Il-Viċi Sindku qalet li anke nistgħu noħorġu espressjoni ta interess.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jrid isir xi disinn u jiġu imfasla xi *terms of reference.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma għadniex noħorġu *expression of interest* imma xi ħadd professjonali li jgħamel il-*bill of quantites* għaliex il-Kunsill jaf x'ijrid

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet li nistaqsu lil xi ħadd tar-regatta għaliex dawn huma nies intiżi fuq id-dagħjes.

Il-Viċi Sindku qalet li nistgħu navviċinaw lil *Heritage Malta* jew *Restoration unit* sabiex jtuna xi kuntatti tan-nies li jaħdmu f'dak il-qasam.

Id-diskussjoni tkompliet fuq ir-restawr ta' dan il-luzzu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jaf persuna li qed jgħamel restawr fuq id-dgħajjes antiki u nistgħu ngħamlu laqgħa miegħu.

Kien hemm qbil li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jikkomunika miegħu u filkas jgħamlu laqgħa miegħu flimkien mal-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli.

28.3 ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

28.3.1 **<u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/6/2021 Espressjoni ta' interess Finanzjament Milied 2021 (35/2799/21/I):</u>**

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk meta konna applikajna għal *Christmas Village* kelniex risposta fuqha ħalli filkas inkunu nistgħu napplikaw għal din l-iskema għal *Christmas Village*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dawn l-aħħar snin ma kienx kuntent bid-dawl tal-Milied u qal li nistgħu nużaw din l-iskema sabiex ngħamlu xi ħaġa differenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-flus tas-sena l-oħra għadna ma ġejniex rifużi mill-Wasteserv.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kelniex *agreement* bil-miktub.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*agreement* kien bil-fomm mas-Sindku. Huwa kompla jgħid li kull ftehim jrid jsir bil-miktub. Huwa qal li irridu noħorġu *tender* tal-fustun tal-Milied għaliex dejjem jkun hemm nefqa ta madwar €9000 għaliex €3000 jiġu rifużi mil-MTA u s-€6000 mill-Wateserv imma għadhom ma ġewx rifużi min-naħa tal-Wasteserv.

Is-Sindku qal li ħafna irħula jkollom dawl sabiħ għaliex jkollom l-għajnuna mill-każini. Huwa qal li ser jikkomunika mas-Sur Bilocca għar-rifużjoni tas-sena l-oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lil Kunsilliera illi kemm il-darba l-Wasteserv mhux ser jtuna ir-rimbors tas-sena l-oħra u mhux ser jiffinanzaw iktar id-dawl tal-Milied, jekk din l-iskema hux ser napplikaw għalija għad-dawl tal-Milied jew għal attivita` ta' *christmas Village*.

Il-Viċi Sindku qalet illi jekk l-applikazzjoni li kellna is-sena l-oħra nistgħu nutilizzawaw din is-sena fuq il-*christmas village* mela għal din l-espressjoni nkunu nistgħu napplikaw għad dawl.

28.3.2 **<u>Kwistjoni legali (35/2864/21/O):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi bħal ma ngħamlu skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali meta jkun hemm rikjesta ta' *tower crane* il-kuntrattur jiġi il-Kunsill u jħallas għat-*tower crane*. Huwa kompla jispjega illi irċevejna komuniktat mingħand *lands authority* fejn qed jgħidu li l-kuntrattur suppost ħallas lil *Lands Authority* sabiex jpoġġi dan it-*tower crane*. Huwa spjega li l-Avukat tal-Kunsill ser jirrispondih li aħna bħala Kunsill għanda id-dritt li niklemjaw il-flus tgħana u jekk f'każ li flus jitħalsu lil *Lands Authority* il-Kunsill mhux ser joħroġlu permess u għandna l-obbilgu li nibgħatu lil Lesa.

28.4 **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kienx hemm.

28.5 **<u>Rapporti:</u>**

Ma kienx hemm.

28.6 **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

<u>Ma Kienx hemm items oħra.</u>

28.7 **<u>Korrispondenza:</u>**

28.7.1 **Log Book CBX302:**

Is-Segertarju Eżekuttiv ippreżenta il-log book tal-van CMX 302.

28.7.2 **Concession for temporary outdoor dining MLP Club Marsaskala (35/2585/21/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta komunikat mill-MTA għal imwejjed u siġġijiet fil- parkeġġ quddiem il-każin laburista fi Triq San Ġwakkin.

Is-Sindku qal li inizjalment dawn talbu għal okkupazzjoni ta' tlett parkeġġi iżda issa talbu għal parkeġġ wieħed ta 6 mtr by 1.8m u huwa tal-opinjoni li issir platform tal-injam. Huwa kompla jgħid li anke il-Każin tal-Banda ser japplikaw għal-imwejjed u siġġijiet fil-parkeġġ ta quddiemhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-importanti jingħata *no objection* għal imwejjed u siġġijiet il-Kunsill ma jistax jinżamm responsabli jekk jkun hemm xi nċident.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li jekk ser naċċettaw dan l-applikazzjoni u anke tal-banda ser noħolqu preċedent.

Is-Sindku qal li kull minn għandu l-bankina fejn joħorġu l-imwejjed ma għandhomx jingħatawlom peress. Huwa qal li hu qed jgħid għal minn ma għandux bankina fejn joħroġ l-imwejjed.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li jekk ikun stabililment li ma għandux fejn joħroġ imwejjed barra allura l-Kunsill ma jistax joġġezzjona jekk ser jmur favur għal din il-*concession*.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal li l-MTA qishom ma iddeċidewx huma u bgħatuha lilna. Huwa qal li ser jkolna *outlets* oħra li ser jitolbu għal *concession* bħal din. Huwa qal ukoll li dan quddiemu hemm *bustop* u hemm tendenza li l-bus twaqqaf fin-nofs u ħafna drabi hemmek jkun hemm *double parking*.

Il-Viċi Sindku qalet li hemm *outlets* fi Triq is-Salini li ma għandhomx fejn joħorġu mwejjed u siġġijiet barra għaliex il-bankina hija żgħira. Hija staqsiet ukoll jekk hemmx ħsib li titwessa il-bankina quddiem il-każin laburista għaliex darba issemiet li hemmek ser titwessa il-bankina.

Is-Sindku qal li mhux ser titwessa il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li hu la qed jgħid li hu favur u lanqas kontra, qed jgħid biss il-preċident li ser jinħoloq.

Il-Viċi Sindku qalet jekk nistgħux ma nkunx aħna li ngħatu il-permess jew le.

Id-diskussjoni tkompliet.

Il-Kunsillier is-Sur Maryrose Mifsud qalet li l-applikazzjoni issir mal-MTA u l-MTA umbgħad tibgħat lil-Kunsill għal *no objection*.

Is-Sindku reġa qal li fl-opinjoni tiegħu għandha issir *platform* ħalli l-*area* designata għal imwejjed u siġġijiet tkun speċifikata u ma jittieħdux iktar parkeġġi.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portellis staqsa jekk hux possibli illi fil-ħinijiet li l-każini ma jiftħux jkunu jistgħu jipparkjaw xorta.

Is-Sindku qal li fil-każ tal-każin laburista dan jinfetaħ min Tnejn sal-Ħadd u anke ser jibda jiftaħ filgħodu.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li fit-tarf tal-bankina hemm biċċa miżbugħa forsi nkunu nistgħu nestendu il-bankina u l-imwejed u s-siġġijiet jkunu iktar safe.

Is-Sindku qal li huwa tal-fehma li ssir platform tal-injam u mhux issir struttra tal-konkos. Huwa qal ukoll li ma għandiex nieħdu daqsekk fit tul. Huwa qal li huwa tal-opinoni li ma nsibux *no objection* għal din il-*concession* umbgħad wara nistgħu naraw nistgħux inkabru il-bankina.

Is-Sindku qal li jekk tidħol l-applikazzjoni tal-każin tal-banda għandha tkun iktar faċli għaliex għandhom diġa parkeġġ riservat u hekk jsir ieħor biswitu.

Id-diskussjoni tkompliet u għaddiet għal vot.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ressaq mozzjoni sabiex tingħata konċessjoni għal parkeġġ wieħed tal -area 6 metri b' 1.8 metri sabiex jiġi utilizzat għal-imwejjed u siġġijiet tal-Każin tal-Labour fi Triq San Ġwakkin. Il-Kunsillier is-Sur Mary Rose Mifsud issekondat il-mozzjoni.

Favur: Is-Sindku, il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud, il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ul-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli.

Astenzjoni : 0

Kontra: Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier il-Perit John Schembri.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hu ivvota kontra għaliex ser noħolqu preċedent.

Il-mozzjoni għaddiet.

Is-Sindku staqsa jekk għandux għandhomx jiddeċiedu sabiex jgħamel platform tal-injam.

Il-Kunsillier is-Sinjur Maryrose Mifsud qalet li l-ewwel għanda naraw f'deċiżjoni ser tieħu l-MTA.

28.7.3 **<u>Fondi għall-Proġetti fil-Komunita` 2022 – LESA:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Lesa ħarġu skema sabiex jibbenifikaw mill-fondi dawk il-Kunsilli li s-sena li għaddiet jew ma applikawx jew ma ġewx aċċettati. Huwa qal li għal din l-iskema għadna napplikaw għa-tisbieħ tal-Ġnien San Tumas. Huwa qal lilli bħala *bill of quanties* diġa għandna lesti kemm kif tiġi aċċettata l-applikazzjoni tagħna nkunu nistgħu noħorġu *tender*. Huwa qal li l-istima ser tlaħħaq madwar €45,000.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jekk ser jsir xi proġett f'dan il-ġnien għanda nibnu kamra oħra żgħira biswiet il-kamra tad-dawl li hemm sabiex tintuża bħala *storage* u anke mill-*lifesavers* għaliex qed jkun hemm problemi li meta jpoġġu l-affarijiet quddiem il-*main switch* għax ġieli joltqu xi *switch* u ġieli jinqata id-dawl. Huwa qal li bl-ammont ta' imbarazz li hemm fil-kamra, l-kuntrattur tad-dawl qed isib kull darba problema sabiex jkunu jista jiftaħ il-*main switch*.

- ***Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar daħal għal laqgħa fit-8.15pm***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jaqbel ma dak li qed jgħid il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri pero` ma għadniex tkun inkorporta ma din l-iskema. Huwa qal li l-aħjar indaħluha fil-budget tas-sena d-dieħla bħal proġett kapitali u nissottomettu applikazjoni lill-PA. Huwa kompla jgħid li nistgħu nkelmu lil Perit sabiex tibda tgħamel il-pjanti neċessarji.

Is-Sindku qal li huwa ser jiltaqa mal-Perit fis-27 ta' Settembru fid-9.00am u stieden lill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ħalli jkellem lill-Perit.

Il-Kunsill qabel li napplikaw għall-iskema tal-Lesa fuq it-tisbieħ tal-Ġnien San Tumas u kif ukoll nibdew naħdmu fuq il-bini tal-kamra għall-*istorage*.

28.7.4 **<u>Laqgħa mall-Kunsilli Lokali mas-Sur Ray Abela (35/2626/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Ray Abela talab laqgħa mal-Kunsill bħala kandidant laburista tat-tielet distrett.

Is-Sindku qal li għandha nitolbuh jgħatina tlett dati tentattivi sabiex niltaqgħu miegħu.

Il-Viċi Sindku qalet li il-laqgħat tal-Kunsill jistgħu jibdew jsiru ġol Kunsill.

Il-Kunsill qabel sabiex niffisaw laqgħa mas-Sur Ray Abela.

28.7.5 **<u>Case 18/2121 Talba ghall-Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2021 (35/2686/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħeġġu sabiex japplikaw sabiex il-Kunsill jibbenifika fondi addizjonali apparti il-budget bħala fondi għal żoni turistiċi peress li l-allokazzjoni ma tkopriex id-*day tourists* li jiġu fil-lokal dawk li huwa lokal u anke barranin.

Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €7000 li ser tiżdied ma l-allokazjoni li jmiss.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk nistgħux nużawhom għad-dawl tal-Milied.

Is-Sindku qal li kieku jkun aħjar jekk nużawhom għal kenniesa.

28.7.6 **<u>Ingaġġ ta' Steward għat-trattament xieraq tal-annimali (35/2681/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna wieħed mill-ftit Kunsilli Lokali li rnexxilna niksbu l-fondi għaliex ħafna mill-Kunsilli Lokali ser jieħdu ħsiebhom il-Kumitati Reġjonali. Huwa qal li irridu napplikaw mal-*Jobs Plus* u bħala rekwiżiti ser jtuna huma.

Il-Viċi Sindku qalet li essaġġ m'għandhomx għalfejn ikollhom ir-rekwiżiti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jrid jkun intiż fuq l-annimali. Huwa qal lis-Sinjura Diacono qed tiċċekja fuq ir-rekwiżiti la l-persuna ingaġġata ser tkun fuq il-*payrole* tal-Kunsill peress li ser titħalsilha t-taxxa u l-bolla mill-Kunsill.

Id-diskussjoni tkompliet illi t-talba mal-*Jobs Plus* għanda tkun fuq kuntratt definit għal-18 il-xahar hekk kif kien hemm fil-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jird ikun *scale 16* u l-persuna trid tkun intiża fuq it-*trattament* xieraq tal-annimali u jrid jiċċara ukoll jekk din il-persuna hux ser tkun fuq il-*payroll* tal-Kunsill umbgħad nitolbu rifużjoni, kif ukoll tkun ċara li għal 18 il-xahar.

28.7.7 **<u>Cir Akl 2021/083 President's Solidarity Fun Run 2021-14th Nov 2021 (35/2680/21/):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsillier responsabli mill-isport hija il-Viċi Sindku.

Is-Sindku qal li jixtieq li jagħti daqqa t'id peress li kien hu li diġa iltaqa mal-President.

Is-Segretarju Eżekuttiv spejga li ser tkun mixja ta 3 km għal madwar medja ta' 20 minuta, applikazzjonijiet ser jkunu miftuħa bejn it-18 u 23 ta' Ottubru u ser jkun hemm *donation* ta' €10 u jingħata flokk. Issa importatni li jkun hemm kollaborazzjoni bejn il-*customer care* u l-assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa kompla jispjega illi l-mixja ser tkun minn Żonqor sa ħdejn il-latrina tal-Jerma. Huwa kompla jispjega li qedin jħeġġu sabiex jekk ikun hemm xi politkanti jew kantanti jew xi *influencers* jingħaqdu għal din il-mixja u anke forsi nivolvu il-banda. Huwa qal li mhux ser jkun hemm bżonn l-intervent tal-Puluzija għaliex ser issir fuq il-bankina.
Is-Sindku u l-Viċi Sindku ftehmu sabiex jiltaqgħu u jikkordinaw din l-attivita`.

Il-Kunsillier is-Sur john B. Camilleri issuġġerixa sabiex ninvolvu l-għaqdiet. Huwa staqsa meta hija d-data.

Is-Sindku wieġbu li fl-14 ta' Novembru 2021

- ***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ħareġ għal-laqgħa fit-8.35pm***

Is-Sindku qal illi l-iskop tgħhom huwa li jiġbru b' €7000 minn kull Kunsill sabiex ipattu għal meta kienu jitilgħu l-belt.

Kien hemm qbil li s-Sindku u l-Viċi Sindku jiltaqu sabiex jikkordinaw din l-attivita`.

**28.7.8 <u>Tribunal Reġjonali Xlokk Rimi ta' Skart fil-Bring in sites (35/2707/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*cctv cameras* qed jgħamlu xogħol pero` qed jkun hemm kawżi kontrina għaliex it-tribunal qed jitlob illi l-*bring in sites* jiġu imbattla aktar regolari. Huwa qal li jekk dawn il-*bring in site* jiġu mbattla iktar regolari ikunu jistgħu jiġu pproċessati iktar dawn iċ-ċitazzjonijiet.

Is-Sindku spejga illi mal-madwar tal-*bring in sites* qed jinġabar kulljum hekk kif kien miftijem mal-kuntrattur tagħna bi ħlas addizjonali. Huwa qal li l-erbgħa u l-ħamis jitbattlu il-*bring in sites* tal-plastic pero` sa l-għada jkunu diġa mimlija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minn Marzu 2021 il-Wasteserv iddeterminat illi l-*contanimated waste* f'Marsaskala qiegħed ċirka ta 34%. Huwa kompla jispjega illi dan l-iskart li qed jkun madwar il-*bring in site* dak qed imur bħala *contanimated waste* ukoll. Huwa qal li mill-miżura li daħlu Wasteserv minn Marzu 2021, dawn ser jibdew jiċċarġjaw lill Green Mt u l-Green Mt ser jibdew jiċċarġjaw lilna. Huwa qal illi l-Green Mt suppost jbattlu l-*bring in site*s tlett darbiet fil-ġimgħa u aħna biex insolvu l-problema tal-madwar tal-iskart qabbadna lil kuntrattur tagħna bi ħlas addizjonali ta €500 fix-xahar illi issa dan l-iskart qed jiġi meqjus bħala *contaminated waste* bil-konsegwenza li Wasteserv ser tiċċarġja lil Green Mt u Green MT ser jiċċarġja lilna. Huwa qal li rċevejna kont min-naħa tal-Green MT li jammonta għal €6650 u kif ukoll għamlu covering letter li fi żmien 30 il-ġurnata irridu inħalsuhom. Huwa spjega illi iktar ma jitbatlu l-*bring in sites* bi frekwenza iktar ser inaqssu mill-*contaminated waste*.

Is-Sindku qal illi l-iktar *bring in sites* li jkunu mimlija huma tal-plastik u tal-karti għaliex tal-ħġieġ qed jkunu ikkontrollati. Huwa qal li mhux ġustifikabli d-deċiżjoni tat-tribunal li ma jimmultawx lin-nies li jiddepożitaw il-boroż madwar il-*bring in sites* għaliex ikunu mimlija, għax in-nies ma jmesshomx jħallu il-boroż mal-art meta dawn għandu servizz darbtejn fil-ġimgħa minn wara l-bibieb tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu li kieku mhux għax id-dipartiment ħareġ li b'obbilgu kull lokalita jrid jkollha l-*bring in sites* kieku ineħħuhom.

Is-Sindku qal li minn meta għalaqna l-*bring in sites* bit-*tie clips* u sar progress kbir u huwa tal-opinjoni li allura issir laqgħa mal-Green Mt u mal-Ministru u ninfurmawhom illi mhux lesti li nħalsu u għaldaqstant ineħħu l-*bring in sites* kollha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ħafna min-nies li lmentaw miegħu fuq iċ-ċitazzjonijiet li ingħataw fuq il-*bring in site* kollha qalulhu illi dawn il-*bring in site* jkunu mimlija u anke meta jerġu jmorru ftit jiem wara jkunu għadhom mimlija bl-istess skart. Huwa qal li ma jistax jifhem x'inhi l-problema li nżiedu il-frekwenza tat-tbattil tal-*bring in sites*. Huwa qal li anke mozzjoni ser jressaq f'din is-seduta imma la ħafna nies qed jmorru bl-istess ilment quddiem it-tribunal jfisser li in-nuqqas jew qed jsir mill-Kunsill jew mill-Kunstrattur.

Il-Kunsill qabel li ser jkompli jiddiskuti fuq din il-materja iktar il-quddiem.

28.7.9 **<u>Availability to work as a librarian (35/2714/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-librara ser tispiċċa u ser jkun hemm żmien li l-librerija ser tkun magħluqa. Huwa qal li għamel *short listing* ta tlett persuni u minn ma ntgħażilx ġie infurmat ukoll. Huwa talab sabiex jgħamlu board bejn il-Kunsilliera ħalli jsiru l-*interviews*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li għandu jkun hemm xi ħadd mill-*administration*.

Il-Kunsill qabel illi l-board jkun kompost mis-Sindku, il-Kunsillier is-Sur Dr Patrick Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u persuna mill-*administration*.

Is-Sergetarju Eżektuttiv qal li peress li żmien ma hemmx ma nistgħux nistennew il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex tiġi innominata l-persuna għal din il-pożizzjoni imma jħalli f'idejn il-board.

28.7.10 **<u>Case 4714 Re fwd żjut fil-baħar CRM0050494:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm żball fl-aġenda u għanda tiġi irranġata illi punt 28.710 għandu jkun fuq Case 4714 Re fwd żjut fil-baħar CRM0050494 u mhux short listing għas-sejħa ta' librarian kif hemm imniżżel fl-aġenda.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ir-risposta mingħand il-*customer care* tal-ERA.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri għalkemm irringrazzjahom tar-risposta qal li mhux kuntent bir-risposta għaliex li kieku l-problema għax bidlu l-alf ma tkunx problema għaliex kieku il-ħut kienu jikluh imma l-problema hija li għax ħareġ l-alf u xerduh ma kullimkien.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li darba is-Sur Charlon Gouder kien spjegalhom illi kien qed jġibu tip ta' alf mir-Rumanija imma dan it-tip ta alf jħalli lega ta żejt u din il-lega umgħad tgħaddi u tidħol ġol bajja meta ir-riħ jkun jaqbel.

Il-Viċi Sindku qalet li meta kien daħal l-ewwel darba dan l-alf hija għanda ir-ritratti tan-nies jnadfuh.

Is-Sindku qal li huwa jemmen illi daħal dan l-alf għaliex kien hemm xi problema maċ-ċirku li jkun imdawwar mal-ħut. Huwa spjega kif jalfu l-ħut għaliex huwa darba kien preżenti waqt l-alf. Huwa qal li jkun tajjeb illi jekk imorru fuq il-gaġġeġ tat-tonn u naraw kif jaħdmu.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri staqsa jekk hemmx il-possibilita illi dan iż-żejt mhux ġej mill-*fishfarms* imma ġej mill-ammont kbir ta' vapuri li jiefqu fuq *hurds bank*. Huwa staqsa jekk meta qed jiġu ttestjati hux qed jindika li l-provenjenza hux ġejja minn sors wieħed biss. Huwa staqsa jekk hux qed jiġi ikkonfermat illi dan ġej mill-*fishfarms* biss.

Is-Sindku qal li huwa jaħseb li ġej mill-fishfarms għaliex dan jiġri fi żmien partikolari.

- ***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ħareġ mill-laqgħa fid-9.05pm***

28.7.11 **<u>Promoting to Establish Sister City Relationship between Marsaskala and Dujiangyan China (35/2502/21/I), (35/2693/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija proposta ta' town twinning.

Is-Sindku qal li madwar sentejn ilhu kienet ġiet delegazzjoni miċ-Ċina u kienet għoġbithom ħafna l-lokal ta' Marsaskala. Huwa qal li waqt il-pandemija kienu anke bgħatulna madwar 4000 maskla.

Huwa kompla jispjega illi peress li l-Ċina mhux pajjiż fl-Ewropa allura ma setgħax isir *memorandum of understating* bejnitna imma kien sar ftehim ta' ħbiberja l-Kunsill u Dujiangyan. Huwa qal li issa ser jkun hemm anniversarju ta' ħbiberija bejn il-poplu Malti u l-poplu Ċiniż ta' 50 sena. Huwa spjega illi Dujiangyan huwa mgħaruf għal ilma u għal pandas.

Is-Sindku qal illi l-Assoċċjazjzoni tal-Kunsilli Lokali staqsitu għaliex it-twinning ma kienx sar maċ-Ċina. Huwa spejgalhom illi peress li iċ-Ċina mhux pajjiż fl-Ewropa ma setax jsir dan. Huwa qal illi d-diskussjoni tkompiet bejniethom u inqala l-fatt illi lokalitajiet oħra f'Malta bħal Mdina u Santa Lucia għandhom twinning maċ-Ċina. Hu talbhom sabiex l-assoċjazzjoni titkellem mad-Dipartiment tal-Kunsill Lokali biex dan it-*twinning* jsir. Huwa kompla jispjega illi l-ambaxxatur taċ-Ċina f'Malta offra l-għajnuna tiegħu sabiex dan it-twinning jsir u wara li bgħatna komunikat lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali wasalna sabiex nissottomettu applikazzjoni biex isir dan it-*twinning*.

Is-Sindku qal illi l-mawra għal-Ċipru li kienu sejrin għalija l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u hu tħasret għaliex il-flights kienu għoljin.

Is-Sindku qal illi biex ma jkun hemm piż finanzjarju fuq il-Kunsill l-ispejjeż involuti kemm jekk id-delagazzjoni tiġi Malta u anke jekk immorru aħna, l-ispejjeż li jiġu kopruti huma l-*accomodation*, *excursions* u ikel. Huwa qal li l-flights dejjem jitħalsu mill-individwu.

Is-Sindku qal li l-ewwel darba sabiex jiffirmaw it-twinning għandhom jitilu żewġ membri tal-Kunsill u l-ispiża tal-*flights* tkun inħalsa mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jridu joqgħodu attenti illi l-ispejjeż tal-ġemellaġġi ma jaqbżux it-€3000 fis-sena.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa x'affarijiet ser jibbenfikaw fuqhom ir-residenti ta' Marsaskala. Huwa kompla jgħid illi forsi jistgħu jsiru diskussjonijiet maċ-Ċiniżi peress li huma avvanzati fuq is-*solar panel* forsi jsir proġett hekk f'Marsaskala.

Is-Sindku qal li apparti fuq il-kultura għandhom ħafna x'joffru. Huwa qal li għandna jkollna strateġija biex niddiskutu magħhom.

Is-Sindku qal li għal-iffirmar għandhom jitilgħu hu biex jiffirma u Kunsillier ieħor. Huwa kompla jgħid li s-soltu għal ġemellaġġi jitla il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ewwel jrid jkollna l-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill umbgħad issir l-applikazzjoni lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

- ***Il-Kunsillier il-Perit is-Sur John Schembri ħareġ mill-laqgħa fis-9.05pm***

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lil Kunsilliera jekk jaqblux illi l-Kunsill jissottometi l-applikazzjoni lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jsir dan il-ġemellaġ ma-Ċina.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nissottomettu l-applikazzjoni lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li għalkemm hu qabel li nissottemettu l-applikazzjoni xorta jixiteq jkun jaf il-pjan x'ser jibbenifikaw ir-residenti ta' Marsaskala sabiex jkun jista jwieġed lil minn jistaqsih.

Is-Sindku qal li resident jista jkollu opportunita li jitla iċ-Ċina kif ukoll jsiru diskussjonijiet ta' x'jista jsir ġewwa Marsaskala. Huwa qal li nistgħu nibdew esibizzjoni kulturali artistika.

Is-Sindku qal illi bħalissa għaddej proġett fuq denfil min-naħa tal-Art Gallery fi Triq is-Salini tal-artist Rudy Buhler. Huwa kompla jgħid li dan il-proġett ser jkun ġol iskola biex jinżebagħ u il-Kunsilliera responsablli mill-edukazzjoni, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ser jkunu preżenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issuġġerixxa illi jekk il-ġemellaġġ maċ-Ċina iseħħ, tajjeb li wieħed jiddiskuti sistema ta' *information centre* madwar Marsaskala li persuna jkun jista jiklikja fuqha u titla l-informazzjoni.

Is-Sindku qal li m'għandux ikun hemm problema.

28.7.12 **<u>Gbir ta' Skart Riċiklabbi minn Kunsilli Lokali (35/2690/21/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-komunikat tal-Green Mt fejn talab ir-rifużjoni ta €6657 hekk kif spjega iktar kmieni f'din is-seduta fuq il-*contaminated waste* ta' erbgħa xhur. Huwa qal ukoll li hemm diversi pagamenti li għadhom ma tħalsux min-naħa tal-Green Mt lil Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud staqsiet jekk hux ser nibbenifkaw xi ħaġa peress li l-ammont ta residenti li jarmu l-iskart fix-xitwa ma jkunx bħas-sajf u dan m'għandiex kontroll fuqha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-allokazzjoni tat-*tipping fees* ma għandhomx x'jaqsmu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irridu niċċekjaw ma Kunsilli Lokali oħra ħalli naraw jekk hux għal Kunsill tagħna biss din il-problema jew il-Kunsilli oħra anke dawk li qedgħin taħt l-iskema tal-GreenPAK.

Is-Sindku li għanda nitolbu laqgħa urġenti mal-Green Mt u anke nitkelmu mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li minn informazzjoni li għandhu minn Kunsill oħra, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għaddejja minn żmien diffiċli fuq il-problema tal-iskart u għaldaqstant tajjeb li nkunu infurmati sew min-naħa tal-Assoċjazjoni.

Id-diskussjoni tkompliet li qabel ma nkelmu lil Green Mt għandna inkelmu lill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li qabel it-*tipping fee* kienu jiġu min-naħa tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u d-differenza kienu jgħadduwa lil Wasteserv. Huwa qal li issa hemm problemi fuq l-iskart u anke problemi finanzjari fejn il-Wasteserv qed titfa il-problem għand il-kuntrattur u l-kuntratt qed jitfaha f'saqajn il-Kunsill. Huwa qal li din hija problema tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill qabel illi nibdew billi nitkellmu mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u niċċekjaw jekk din hux problema ta Kunsilli Lokali oħra u jekk hux tal-Green Mt biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li issa reġa wasal iż-żmien li nerġgħu noħroġu s-sejħa ta'interess tal-ġbir tal-iskart riċiklatt li hemm żewġ kumpaniji biss li huma Green Pak u Green MT u huwa saħaq li mill-esperjenza li għaddejna minnha iktar irridu naraw illi l-kuntrattur li ser jintgħażel ser jgħamel it-tbattil frekwenti iktar milli x'ser jgħatuna.

28.7.13 **<u>Local council Performance Report for year 2020 (35/2739/21/I):</u>**

Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

28.7.14 **<u>Renewal of current Council Premises:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-komunikat huwa l-iktar komunikat importanti għaliex sal-15 ta' Diċembru 2021 irridu noħorġu mill-Premises li għandha hu mhux finazjarament sostenibbli li insibu post alternattiv u nkunu irridu ngħaddu il-*wiring* u l-*cables* kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-prijorita assoluta tal-Kunsill hija li nlestu l-proġett tal-finishing tal-Kunsill. Huwa qal illi issa wasal iż-żmien li niklemjaw il-flus tal-UIF fir-rigward tal-bini tal-Kunsill għaliex il-*finishings* mhux ser jkunu koperti mil-UIF.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li meta jkellimhom il-kuntrattur jgħidlu li huma qedin fit-*time frame*.

Is-Sindku qal li x-xogħol mixi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hu mar kemm il-darba u innota li jkun hemm ħaddiem wieħed biss jaħdem.

Is-diskussjoni tkompliet fuq ix-xogħolijiet tal-*finishings*.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li forsi nkunu nistgħu nieħdu l-kaxxi ġot-*training centre.*

Is-Sindku qal li huwa jaħseb li sid il-post jgħatina *extention* sa l-aħħar ta' Diċembru.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sid il-post tal-preżent għandu *deadlines* min-naħa tiegħu u ma jistax jagħtina *extention*. Huwa kompla jispjega illi hemm il-problema tal-*customer care* fejn dawn irid ikollom fejn jaħdmu għaliex ir-residenti jridu jkollhom fejn jinqdew.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li ma nistgħux inwaqqfu is-servizzi għan-nies.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li kif isemma fid-diskussjoni iktar kmieni jkun tajjeb li nordnaw *container* sabiex inġorru il-kaxxi ġo fih.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud ħarġet mill-laqgħa fid-9.55pm***

28.9 **Mozzjonijiet**

28.9.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John b Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier Dr. Errol Cutajar (#075-16/9/21):**

*"Mill-ħafna residenti li kkuntatjawni wara li rċevew ċitazzjoni peress li ħallew xi skart fuq jew ħdejn l-iskip kollha ilmentaw li sabu l-iskips mimlijin. Wara li jien ukoll iverifikajt innutajt li l-iskips wara tlett t'ijiem ikunu diġa imfawrin. Jipproponi li l-iskips għandom jitbatlu għal inqas darbtejn fil-ġimgħa. Skont il-kuntratt m'għandiex tkun problema u min Ottubru għandu jiġedded dan il-kuntratt għas sena li ġejja. Allura nisuġerixxi li min Ottubru li ġej l-iskips kollha jitbatlu darbtejn fil-ġimgħa."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li fil-kuntratt għandu li t-tindif jrid jsir sa massimu ta tlett darbiet. Huwa qal li għaldaqstant allura għandu jbattalhom darbtejn fil-ġimgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li probabilemt ser jgħidilna biex inħalsu il-pagament li qed jitlobna.

Il-Kunsill qabel unanimament

28.9.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur charlot Mifsud (#076-16/9/21):**

*"Jipproponi li fi Triq iz-Zonqor bejn id-dar il-ħamra u l-Knisja hemm zewġt postijiet u ieħor fit- telgħa ta ħdejn il-kappella tal-baruni fi Triq Sant Anna li irridu inwaħħlu fanali ornamentali bħal kumplament tat-triq."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li Triq iż-Żonqor mixgħula kollha imma hemm *blackspot* kif toħroġ minn wara l-knisja għaliex ma hemmx biżżejjed dawl u għandu jiżdied fanal u ieħor ħdejn il-Mużew tal-Bniet fit-telgħa ta' ħdejn Triq Sant'Anna.

Il-Kunsill qabel unanimament.

28.9.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku (#076-16/9/21):**

*"Fi Triq Wied iz-Ziju ftit il-fuq min Dar Frate Jacoba għadom isiru inċidenti serji tat-traffiku peress li hemm ħafna liwjiet fit-triq kif ukoll hemm l-art tizloq ħafna. Nipproponi li nitolbu lil TM sabiex jiġi installat crash barrier. Hu evidenti li hemm iċ-ċnut kollha magħqlubin kif ukoll crash barrier ezistenti tisab milquta u jinħtieġ li tisewwa.''*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li sentejn ilhu kienu qed jsiru ħafna inċidenti u saret *crach barrier* pero` din mhux biżżejjed u nfatti l-tabelli tal-vleġġeġ huma kollha imqaċtin u hemm bżonn li l-*crash barrier* tiġi estiża.

Is-Sindku qal li filkas il-vleġġeġ jerġu jsiru imma jsiru *chevron lights*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li konna tlabna lil TMalta biex titawwal il-*crash barrier* pero` kienu infurmawna li din taqa taħt ir-responsabilta` tal-Kunsill u kienet ser tiswa ħafna flus b'hekk kienu saru il-vleġġeġ biss.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jekk filkas ngħamlu il-vleġġeġ biss imma jsiru *chevron lights*.

Il-Kunsill qabel li jsiru vleġġeġ bix-chevron lights.

28.8 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Petty Cash* ta' Awwissu 2021

28.8.1 Il-Kunsillier is-Sur john B Camilelri staqsa fuq pagament 2828 tal-Perit William Lewis fuq l-istudju li sar *connection* ta' Triq San Gwakkin ma Triq Sant'Antnin jekk tlabniex *refund*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li diga tlabna *refund* għalih

28.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*invoices* li daħlu tard.

1. Catbros inv no 010 li jammonta għal €885.00
2. Catbros inv 015 li jammonta għal €3586.95
3. Loius Cini li jammonta għal €255.50
4. Bava inv MSK001/018 li jammonta għal €56,146.80
5. Perit William Lewis inv 001/018 li jammonta għal €623.84
6. Arms inv 32615051 li jammonta €22.08
7. JS Ironmongery inv M193515 li jammonta €5.18
8. JS Ironmongery inv M193516 li jammonta €186.12
9. JS Ironmongery inv M193420 li jammonta €2.90
10. JS Ironmongery inv M193416 li jammonta €58.57
11. JS Ironmongery inv M191085 li jammonta €7.80
12. Avantech inv 268963 li jammonta €37.20
13. TC Signs inv 001480 li jammonta €1050.00
14. Oasis inv 6438/1830 li jammonta €10.35
15. Gejtu Spiteri Concrete inv 30/12 li jammonta €290.00
16. I Spy inv 6025 li jammonta €106.20
17. R&A inv 2954 li jammonta €590.00
18. R&A inv 2930 li jammonta €4007.58
19. R&A inv 2952 li jammonta €4007.58
20. R&A inv 2953 li jammonta €2006.00

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

- Is-Sindku qal li hemm 50 palma sabiex jinżabru fi Triq is-Salini biex nitolbu lil MTA jekk jistgħux jħalsuhom huma.

  Il-Kunsill qabel unanimament.

- Is-Sindku staqsa jekk konniex irċevejna r-rimbors tal-bankijiet li kien saru fi Triq ix-Xatt.

  Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li għad ma rċevejna xejn.

  Is-Sindku qal li ser jkellimom.

  Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal ukoll li hemm il-palm nieqes.

- Il-Viċi Sindku staqsiet meta ser jinfetaħ il-parkeġġ tal-iskola ta' Triq il-Lampuka.

  Is-Sindku wieġeb li talbuna sabiex ngħamlu rapport. Huwa kompla jgħid li għanda nfakru lis-Sur George Psaila.

28.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 19 ta' Ottubru 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 23 ta' Settembru 2021.

| | |
|---|---|
| ***IFFIRMAT*** | ***IFFIRMAT*** |
| _______________ | _______________ |
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| ***Segretarju Ezekuttiv*** | ***Sindku*** |